MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 740/1994/1

**Carmelo Farrugia u b'digriet tat-28 ta' Novembru 1996 interveniet fil-kawza Salvina Farrugia mart l-attur.**

**VS**

**Antonia Brincat u b'digriet tat-28 ta' Dicembru 1994 Salvatore u Mary kongjugi Debono, Carmen mart Salvatore Muscat u Irene, xebba, ahwa Debono assumew l-atti tal-kawza minflok Antonia Brincat li mietet**
**fil-mori tal-kawza u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1995 Grezzju Brincat gie kjamata in kawza.**

**I**
**l-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-konvenuta kienet inkarigat lill-attur biex jaghmlilha xogholijiet ta’ kostruzzjoni ta’ kisi u ta’ tibjid fil-fond Nru 35, Church Square Kirkop

Premess illi meta l-attur lesta x-xogholijiet li kellu jaghmel skond kif kien gie miftiehem bejnu u l-konvenuta, l-attur ipprezenta lill-konvenuta il-kont tieghu fl-ammont intier ta’ hamest elef hames mija u sitt liri u tmenin centezmu (Lm 5,505.80,0) u peress illi l-konvenuta kienet diga’ hallset lill-attur is-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600.00,0) bil-quddiem, din kien fadallha thallsu bilanc ta’ erbat elef disa’ mija u sitt liri u tmenin centezmu (Lm4,906.80,0);

Premess illi l-konvenuta qablet ma’ dan il-kont u iddikjarat illi kienet sodisfatta bix-xoghol li l-attur kien ghamel tant illi ghamlet dikjarazzjoni f’dan is-sens fuq il-kont stess li l-attur kien ipprezentalha u kopja ta’ liema kont u dikjarazzjoni mieghu qed jigi hawn anness bhala Dokument ‘’A’’,

Premess illi mill-bilanc hawn fuq imsemmi l-konvenuta hallset lill-attur is-somma ta’ tlett elef seba mija u sitta u ghoxrin lira (Lm3,726.00,0) u ghalhekk il-konvenuta kien fadlilha thallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm1,180.80,0);

Premess illi l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas lill-attur dan il-bilanc;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex li thallas lill-attur is-somma ta’ Lm1.180.80,0, bilanc ta’ somma akbar ghax-xogholijiet ta’ kostruzzjoni kisi u tibjid li l-attur ghamel fuq l-inkarigu u ghas-sodisfazzjon tal-konvenuta.

Bl-imghaxxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Frar, 1994, kontra l-konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’  l-attur a fol.3 tal-process:

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antonia Brincat** a fol.11 tal-process fejn  eccepiet:-

Fl-ewwel lok il-kawza kellha ssir mhux fil-konfront tal-eccipjenti izda wkoll kontra zewgha in kwantu l-materja de quo hi att ta’ amministrazzjoni straordinarja ai termini tal-Att 1322 Kodici Civili kif emendat bl-Att XX1 /1993. Konsegwentement  l-eccipjenti ghandha tigi liberata ‘ab observantia’’.

Illi wkoll irid jinghad illi partijiet kienu qablu fil-mument ta’ l-iffirmar tad-dikjarazzjoni msemmija fic-citazjoni illi x-xoghol kellu jitkejjel minn Perit.

Fit-tieni lok l-ammont reklamat hu bil-bosta esagerat kif jista’ facilment jigi konstatat minn espert tekniku u f’kull kaz il-veru kejl tax-xogholijiet li saru mhux rifless fil-kont tal-attur.

Fit-tielet lok ir-rati mitluba mhux konformi mal-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 33 et seq;

Rat id-digrieti a fol  35 u 43;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit David Pace a fol 66;

Rat il-verbal a fol 117;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-Perit David Pace a fol 130;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.**

Fl-ewwel relazzjoni tieghu, il-Perit tekniku nominat, kien ikkonkluda li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti m'ghandiex tintlaqa' billi ma tinkwadrax ruhha f'dak li jistipula l-Att Dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini cjoe l-Att XXV1 tan 1980 kif emendat bl-Att Numru X111 tan 1983 u l-Att Numru V1 tan 1985, billi ebda wahda mix-xogholijiet kif elenkati fil-kont ta' l-attur ma huma koperti mid-disposizzjonijiet tal-ligi imsemmija.

Dwar dina l-konkluzzjoni, l-partijiet jidher li qablu mal-konkluzzjoni tal-perit, u fil-fatt ma sarux sottomissjonijiet ulterjuri dwarha.

Fil-mertu, l-perit illikwida dak li ghandu jiehu l-attur ghax-xoghol tieghu a bazi tal-kejl li huwa ghamel fuq il-post fil-presenza tal-partijiet. Billi dawn kienu xogholijiet zghar ta' bini hu mexa fuq kejl lump sum u mhux fuq kejl u pprezzar bir-rati.

Il-Perit wara li ghamel il-kostazzjonijiet kollha, semgha x-xhieda u ghamel il-konsiderazzjonijiet necessarji, ipprezenta stima tax-xoghol li tinsab a fol 80/81 tal-process, u wasal ghall konkluzzjoni li jirrizulta li l-attur thallas zejjed fl-ammont ta' LM 146.10c.

L-attur kien talab permezz ta' verbal (ara fol 117) li jerga jinzamm access biex jigi verifikat il-kejl ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess verbal. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u fil-fatt kien inzamm access iehor, u l-Perit David Pace, kien ipprezenta rapport ulterjuri fejn dina d-darba ikkonkluda (ara fol 133) li a bazi tal-kejl mehud fl-ahhar access, il-kejl tat-tielet partita a fol 14 tar-relazzjoni ghandu jinbidel ghal 126.628 qk @ Lm10 illi jaghti valur ta' Lm1,266.28 u mhux dak originali ta' Lm987.40. Ghalhekk jigi li l-attur issa ghandu jiehu Lm132.78.

Dwar kejl ghal kisi doppju l-perit tekniku kkonkluda li l-attur ma kien ressaq ebda prova waqt l-ewwel perizija

sabiex jipprova li kien hemm lok ghal awment ulterjuri minhabba kisi doppju, u qatt ma kien tqajjem dana l-punt, la waqt l-ewwel kejl u lanqas waqt id-deposizzjoni tieghu. Ghalhekk il-Perit dehrlu li  l-kejl jew prezz tax-xoghol m'ghandux jinbidel.

Fuq eskuzzjoni mid-difensuri tal-partijiet, il-perit sostna li l-kont prezentat mill-attur kien gie kontestat mill-konvenuta. Hu kien kejjel fejn kien gie indikat lilu mill-partijiet u fil-presenza taghhom.  Wara li l-perit gie mistoqsi (ara tlettax il-domanda) ghaliex zied il-kejl meta kien hemm kontestazzjoni mill-konvenuta dwar il-hajt tal-appogg fis-sens li hi kienet qed tikkontesta li dak kien ghamlu kollu l-attur, il-perit rega kkorreggja ruhhu u qal li (ara fol 140 l-ahhar paragrafu)  ghamel kalkolu li dan il-kejl doppju jammonta ghall  15.95 qk li bir rata ta' Lm10 jinvolvi ammont ta' Lm159.50c jigifieri jekk tnaqqashom mit-total ta' Lm1,266.28 jaghtu bilanc ta' Lm1,106.78c. Ghalhekk skond dina l-korrezzjoni ulterjuri tal-perit, il-konkluzzjoni hija li din id-darba l-attur ha Lm26.72 zejda.

**Sottomissjoni tal-partijiet**

Fit-trattazzjoni finali l-attur issottometta li l-ammont mitlub huwa dovut kollu billi l-konvenuta kienet accettat il-kont u ma kinitx ilmentat mix-xoghol kif jirrizulta mid-dokument a fol 6.  Minn naha l-ohra l-konvenuti ssottomettew li l-attur kien accetta li jitqabbad il-Perit Carmelo Vella biex jistma x-xoghol u x'bilanc kien fadallu jiehu l-attur.

**Tikkunsidra**

Dwar il-punt legali sottomess mill-attur fis-sens li l-konvenuta kienet accettat il-kont kif mahrug minnu, l-Qorti ezaminat ix-xhieda prodotta u jirrizulta li hemm versjonijiet konfliggenti dwar jekk kienx hemm ftehim li jigi appuntat il-Perit C. Vella biex ikejjel. Salvu Debono jghid li ghalkemm zitu kienet iffirmat il-kont ta' l-attur  pero kien gie maqbul bejniethom li x-xoghol jerga jitkejjel kollu minn perit kwalifikat. Il-perit Vella ikkonferma li l-kont K1 kien hargu hu u dan bi ftehim mal-partijiet li kienu attendew meta ttiehed il-kejl. L-attur invece jghid li ghalkemm hu kien

attenda meta l-Perit Vella mar ikejjel hu ddikkjara li ma kienx ser jithallas tal-kejl billi ma kellux x'jaqsam ma' l-inkarigu tieghu. Hu ma ndahalx fil-kejl li kien qed jiehu l-perit. Hu ma kienx qabel mal-kont tal-perit Vella billi gie li kellu jiehu xi somma zghira.

Il-Qorti hi tal-fehma li nonostante li l-konvenuta kienet iffirmat il-kont li kien ipprezentalha l-attur, u kien jidher li hi accettat li thallas dak li talabha, jirrizulta ukoll li in segwitu ghal dana, l-attur, bl-agir tieghu, (ghalkemm xehed il-kuntrarju fil-kawza) accetta li jsir kejl tax-xoghol li kien ghamel. Hu ma opponiex li jitqabbad il-Perit C. Vella; attenda u ha parti fil-kejl li ha l-istess perit, u fil-kors tal-kawza qatt ma oggezzjona ghan nomina ta' perit li gie specifikatament inkarigat biex ikejjel ix-xoghol minnu maghmul (ara fol 35). Ma sar ebda verbal mill-attur fis-sens li hu kien qed jopponi n-nomina tal-perit billi t-talba tieghu kienet bazata fuq il-kont a fol 5 u 6. Jigi rilevat ukoll li meta l-konvenuta iffirmat id-dok a fol 6 hija ghamlet hekk meta hi lanqas ma kienet prezenti meta l-attur kejjel wahdu u meta dana l-kejl lanqas ma kien gie vverifikat mill-konvenuta. Kien ghalhekk li l-konvenuta insistiet li jitqabbad il-perit Vella u li l-attur ma oggezzjonax.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ghandha thallas fuq il-kejl li gie mqabbad jistabilixxi l-perit nominat minn dina l-Qorti.

Kwantu ghall konkuzzjonijiet tal-perit Pace, il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

Dwar l-ahhar kejl li sar u korrezzjoni maghmula mill-perit, jirrizulta li l-valur tal-kisi (item 3 a fol 80 tal-process) ghandu jkun Lm1,106.78 ( u mhux Lm987.40 u lanqas Lm1,266.28) li jgib differenza ta' Lm119.38 mill-kalkolu originali. Jekk dana jigi mizjud mal-ammont totali tax-xoghol Lm4,179.90 igib total finali Lm4,299.28. Jirrizulta li l-konvenuta kienet hallset Lm4,326.00 ghalhekk tigi li hallset zejjed Lm26.72.

Dwar il-kwistjoni tal-kisi doppju l-Qorti taqbel mar-ragunijiet moghti mill-perit ghaliex dana mhux dovut. Inoltre fl-istima ta’ l-attur ma saret ebda distinzzjoni bejn il-hitan taz-zewg sulari, la meta saret l-istima u lanqas wara. Hu qatt ma hareg kejl separat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta
Tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra taghha
U tichad it-talba ta’ l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------